SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

11 ta' Settembru 2007 *

Fil-kawża C-227/04 P,

li għandha bħala suġġett appell skond l-Artikolu 56 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, imressaq fit-28 ta' Mejju 2004,

Maria-Luise Lindorfer, uffiċjal tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, residenti fi Brussell (il-Belġju), irrappreżentata minn G. Vandersanden u L. Levi, avocats,

rikorrenti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn F. Anton u M. Sims-Robertson, bħala aġenti,

konvenut fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, P. Jann, A. Rosas, R. Schintgen, E. Juhász (Relatur) u J. Klučka, Presidenti ta' Awla, R. Silva de Lapuerta, K. Schiemann, M. Ilešič, J. Malenovský, U. Lõhmus, E. Levits u A. Ó Caoimh, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: F. G. Jacobs, u sussegwentement E. Sharpston,
Reġistratur: M. Ferreira, amministratur prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali F. G. Jacobs, ippreżentati fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2005,

wara li rat id-digriet tal-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali tas-26 ta' April 2006 u wara s-seduta tat-28 ta' Ġunju 2006,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali E. Sharpston, ippreżentati fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2006,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz ta' l-appell tagħha, M. Lindorfer titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-18 ta' Marzu 2004, Lindorfer vs Il-Kunsill (T-204/01, Ġabra-SP p. I-A-83 u II-361, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li biha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors tagħha għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea tat-3 ta' Novembru 2000 dwar il-kalkolu tas-snin tas-servizz pensjonabbli tagħha wara t-trasferiment, lejn l-iskema Komunitarja, tal-valur tar-redenzjoni b'rata fissa tad-drittijiet għal pensjoni akkwistati minnha taħt l-iskema Awstrijaka (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-kuntest ġuridiku

2 L-Artikolu 1a(1) tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, kif imdaħħal f'dawn ir-Regolamenti bir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 781/98 tas-7 ta' April 1998 (ĠU L 113, p. 4, iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), jipprovdi:

"L-uffiċjali għandhom ikunu intitolati għal trattament indaqs taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal mingħajr riferenza, diretta jew indiretta, għar-razza, twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż, sess jew xejra sesswali, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet relevanti li jeħtieġu stat maritali [partikolari]."

3 L-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi:

"Uffiċjal li ta mill-anqas 10 snin servizz għandu jkun intitolat għal pensjoni ta' l-irtirar. [...]

Il-pensjoni massima ta' l-irtirar għandha tkun 70 % ta' l-aħħar salarju bażiku marbut ma' l-aħħar grad li fih l-uffiċjal kien ikklassifikat għal mill-anqas sena. Ikun pagabbli lil uffiċjal li ta 35 sena servizz maħduma skond l-Artikolu 3 ta' l-Anness VIII. Fejn in-numru ta' snin tas-servizz huwa anqas minn 35, il-massimu t'hawn fuq għandu jitnaqqas proporzjonalment.

[...]

L-età għall-pensjoni għandha tkun ta' 60 sena."

4 Skond l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal:

"1. Il-benefiċċji mħallsa taħt din l-iskema tal-pensjonijiet għandhom jitħallsu mill-estimi tal-Komunitajiet. L-Istati Membri għandhom flimkien jiggarantixxu l-pagament ta['] tali benefiċċji skond l-iskala mniżżla għall-iffinanzjar ta['] tali spejjeż.

[...]

2. L-uffiċjali għandhom jikkontribwixxu terz ta' l-ispiża biex tkun iffinanzjat[a ...] l-iskema tal-pensjoni [Komunitarja]. [...]

[...]

4. Jekk stima attwarjali ta' l-iskema tal-pensjoni, li ssir minn espert ikkwalifikat wieħed jew aktar fuq talba tal-Kunsill, turi li l-kontribuzzjonijiet ta' l-uffiċjali mhux biżżejjed biex tiffinanzja terz tal-benefiċċji pagabbli taħt l-iskema tal-pensjoni, l-awtoritajiet ta' l-estimi, billi jaġixxu skond il-proċedura ta' l-estimi u wara li jikkonsultaw il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal ipprovdut fl-Artikolu 10, għandhom jistabbilixxu liema bidliet għandhom isiru fir-rati tal-kontribuzzjonijiet jew fl-età ta' l-irtirar."

5 L-Artikolu 2 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi:

"Pensjoni ta' l-irtirar għand[ha t]itħallas fuq il-bażi tan-numru totali ta' snin tas-servizz tal-pensjoni akkwistati mill-uffiċjal. Kull sena tas-servizz maħduma kif ipprovdut fl-Artikolu 3 għandha tintitolah għal sena ta' servizz [pensjonabbli] u kull xahar sħiħ għal wieħed minn tnax ta' sena ta' servizz [pensjonabbli].

L-ogħla numru ta' snin ta' servizz [pensjonabbli] li jista' jkun ikkunsidrat għall-kalkolu tad-drittijiet tal-pensjoni ta' l-irtirar ikun ta' 35."

6 L-Artikolu 5 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi:

"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 2, uffiċjal b'anqas minn 35 sena ta' servizz [pensjonabbli] fl-età ta' 60 sena u li jkompli jakkwista d-drittijiet tal-pensjoni taħt l-

Artikolu 3, għandu, għal kull sena tas-servizz bejn l-età ta' 60 sena u l-età meta jibda jieħu pensjoni ta' l-irtirar, jkun intitolat għal żieda fil-pensjoni daqs 5 % tad-drittijiet tal-pensjoni li akkwista fl-età ta' 60 sena, iżda [...] l-pensjoni totali tiegħu ma [tistax] taqb[eż] is-70 % tas-salarju bażiku finali tiegħu kif imsemmi fit-tieni u t-tielet paragrafu, skond xi jkun il-każ, ta' l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal.

[...]"

7 L-Artikolu 11(2) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi li uffiċjal li jidħol fis-servizz tal-Komunitajiet wara li jitlaq mis-servizz ta' amministrazzjoni tal-gvern jew ta' organizzazzjoni nazzjonali jew internazzjonali, jew wara li jsegwi attività f'kapaċità ta' impjegat jew għal rasu, għandu jkun intitolat, meta jiġi stabbilit bħala uffiċjal, li jitħallas lill-Komunitajiet jew l-ekwivalenza attwarjali jew il-valur tar-redenzjoni b'rata fissa tad-drittijiet għal pensjoni ta' l-irtirar akkwistati bis-saħħa ta' tali servizz jew attivitajiet. Din l-istess dispożizzjoni tipprovdi wkoll li, f'dan il-każ, l-istituzzjoni li fiha jservi l-uffiċjal għandha, wara li tikkunsidra l-grad tiegħu meta jiġi stabbilit, tistabbilixxi n-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli li għandu jkun ikkreditat bihom taħt l-iskema tal-pensjoni tagħha stess fir-rigward tal-perijodu ta' servizz ta' qabel, fuq il-bażi ta' l-ammont ta' l-ekwivalenza attwarjali jew tal-valur tar-redenzjoni b'rata fissa.

8 B'deċiżjoni tat-13 ta' Lulju 1992, il-Kunsill stabbilixxa r-regoli ta' implementazzjoni ta' l-Artikolu 11(1) u (2) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, li sussegwentement ġew emendati b'deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1994 (iktar 'il quddiem ir-"RI").

9 Skond l-Artikolu 10(2) tar-RI, f'dak li jirrigwarda l-uffiċjali, in-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli li għandhom jiġu kkreditati għandu jiġi kkalkulat abbażi ta' l-ammont totali trasferit, wara li jitnaqqsu l-interessi sempliċi bir-rata ta' 3.5 % fis-

sena għall-perijodu mid-data ta' l-istabbiliment ta' l-uffiċjal sad-data tat-trasferiment effettiv ta' l-imsemmi ammont lill-kont tal-Komunitajiet. L-imsemmija interessi m'għandhomx jitnaqqsu għall-perijodi li fihom l-ammont trasferibbli ġie stmat mill-ġdid jew miżjud b'interessi mill-fond tal-pensjoni li l-persuna kkonċernata kienet suġġetta għalih qabel ma daħlet fis-servizz tal-Komunitajiet.

10 L-Artikolu 10(3) u (4) tar-RI (ser issir referenza għaż-żewġ formoli msemmija iktar 'l isfel bl-espressjoni "formoli ta' konverżjoni") jipprovdi:

"3. In-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli li għandhom jiġu kkreditati għandu jiġi kkalkulat:

— billi l-ammont trasferit (A) jiġi kkonvertit f'pensjoni teoretika (P) li tvarja skond il-valuri attwarjali (V) previsti fl-Artikolu 39 ta' l-Anness VIII [tar-Regolamenti tal-Persunal], skond il-formola P = A/V,

— billi din il-pensjoni (P) tiġi kkonvertita fi snin tas-servizz pensjonabbli statutorju (N) li jvarjaw skond is-salarju bażiku annwali (S) li jikkorrispondi għall-grad ta' l-uffiċjal meta jiġi stabbilit [...] skond il-formola N = Px100/Sx2.

Madankollu, in-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli li għandhom jiġu kkreditati f'ebda każ ma jista' jaqbeż in-numru ta' snin li matulhom il-persuna kkonċernata kienet affiljata ma' skemi non-supplementari qabel ma daħlet fis-servizz tal-Komunitajiet.

4. L-ammont trasferit lill-kont tal-Komunitajiet f'valuta differenti mill-frank Belġjan għandu — sabiex jiġi kkalkulat in-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli — jiġi kkonvertit fi franki Belġjani skond il-modalitajiet li ġejjin:

[...]

b) fil-każ ta' uffiċjal stabbilit wara l-31 ta' Dicembru 1971 [...] l-ammont trasferit għandu jiġi diviż proporzjonalment għat-tul tal-perijodi li fihom ġew akkwistati d-drittijiet għal pensjoni li jikkorrispondu għal dan l-ammont, jiġifieri, minn naħa, għat-tul tal-perijodu qabel l-1 ta' Jannar 1972 u, min-naħa l-oħra għat-tul tal-perijodu wara l-31 ta' Diċembru 1971.

Il-parti mill-ammont li tikkorrispondi għall-perijodu qabel l-1 ta' Jannar 1972 għandha tiġi kkonvertita abbażi tal-paritajiet aċċettati mill-Fond Monetarju Internazzjonali u li kienu fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 1971.

Il-parti mill-ammont li tikkorrispondi għall-perijodu wara l-31 ta' Diċembru 1971 għandha tiġi kkonvertita abbażi tar-rata aġġornata medja stabbilita mill-Kummissjoni għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 1972 sad-data li fiha l-uffiċjal jiġi stabbilit [iktar 'il quddiem il-'varjant i)'] [...]

Madankollu, fuq talba ta' l-uffiċjal [...], l-ammont (A) meħud in kunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu għandu jiġi kkonvertit abbażi tar-rata aġġornata li tkun fis-seħħ fid-data tat-trasferiment. F'dan il-każ, is-salarju (S) u l-valur attwarjali (V) li għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tas-snin tas-servizz pensjonabbli għandhom ikunu s-salarju li jikkorrispondi għall-grad ta' l-uffiċjal meta jiġi stabbilit [...] li jkun fis-seħħ fid-data tat-trasferiment u l-valur attwarjali li jikkorrispondi għall-età ta' l-uffiċjal [...], rispettivament" [iktar 'il quddiem il-'varjant ii)'] [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

11 It-tabella ta' l-ekwivalenzi attwarjali għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 11(2) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, kif tirriżulta mid-deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 1992, tikkontjeni l-valuri li ġejjin għaż-żewġ sessi f'dak li jirrigwarda l-kategorija ta' l-età ta' bejn it-30 u l-50 sena:

Età	*Irġiel*	*Nisa*
30	9,667	10,269
31	9,811	10,426
32	9,956	10,586
33	10,102	10,746
34	10,249	10,908
35	10,397	11,071
36	10,546	11,236
37	10,695	11,402
38	10,846	11,569
39	10,998	11,739
40	11,154	11,912
41	11,308	12,034
42	11,465	12,261
43	11,625	12,441
44	11,788	12,626
45	11,955	12,816
46	12,127	13,013
47	12,302	13,215
48	12,480	13,422
49	12,661	13,633
50	12,847	13,850

12 Skond l-Artikolu 31 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-kandidati magħżula għandhom ikunu maħtura uffiċjali fil-Kategorija A jew fis-Servizz tal-Lingwa fil-grad tal-bidu tal-kategorija jew tas-servizz tagħhom. Madankollu, l-awtorità tal-ħatra, tista', sa ċerti limiti, tidderoga mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

13 L-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 626/95 ta' l-20 ta' Marzu 1995 li jintroduċi miżuri speċjali u temporanji applikabbli għar-reklutaġġ ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej b'riżultat ta' l-adeżjoni ta' l-Awstrija, tal-Finlandja u ta' l-Iżvezja (ĠU L 66, p. 1), jipprovdi li, minkejja d-dispożizzjonijiet ta', *inter alia*, l-Artikolu 31 tar-Regolamenti tal-Persunal, jista' jiġi pprovdut, sal-31 ta' Diċembru 1999, li impjiegi vakanti jimtlew bil-ħatra ta' ċittadini Awstrijaċi, Finlandiżi u Żvediżi, sal-limitu ta' l-impjiegi previsti għal dan l-iskop fil-kuntest tad-diskussjonijiet tal-baġit fi ħdan l-istituzzjonijiet kompetenti.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

14 M. Lindorfer, ċittadina Awstrijaka, daħlet fis-servizz tal-Kunsill fis-16 ta' Settembru 1996. Fis-16 ta' Ġunju 1997, hija ġiet stabbilita fl-impjieg tagħha u kklassifikata fil-grad A 5, skala 2. Qabel ma daħlet fis-servizz tal-Kunsill, hija kienet ħadmet fl-Awstrija għal tlettax-il sena u tliet xhur. Matul dan il-perijodu, hija ħallset kontribuzzjonijiet lill-iskema tal-pensjonijiet Awstrijaka.

15 Fil-15 ta' Mejju 1999, M. Lindorfer talbet, abbażi ta' l-Artikolu 11(2) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, it-trasferiment, lejn l-iskema tal-pensjonijiet Komunitarja, tal-valur tar-redenzjoni b'rata fissa tad-drittijiet għal pensjoni ta' l-irtirar li hija kienet akkwistat taħt l-iskema Awstrijaka.

16 Fit-18 ta' Frar 2000, il-fond tal-pensjoni Awstrijak informa lill M. Lindorfer li l-valur tar-redenzjoni b'rata fissa tad-drittijiet tagħha għal pensjoni akkwistati fl-Awstrija kien ġie provviżorjament iffissat, fl-1 ta' Marzu 2000, fl-ammont ta' ATS 1 306 712.23. Huwa għarrafha wkoll li hija ma setgħetx tibbenefika minn pensjoni fl-Awstrija, billi ma kinitx ħallset kontribuzzjonijiet għall-perijodu minimu ta' 180 xahar. Huwa madankollu pproponielha li "tifdi" l-21 xahar ta' affiljazzjoni neqsin billi tħallas is-somma ta' ATS 237 963.6. Is-Sinjura Lindorfer ma weġbitx għal din il-proposta.

17 Fit-28 ta' Marzu 2000, is-servizz "Pensjonijiet" tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill bagħat nota lill M. Lindorfer, li magħha kellha mehmuża skeda ta' kalkolu intitolata "Kalkolu ta' snin tas-servizz pensjonabbli statutorju li għandhom jiġu kkreditati skond l-Artikolu 11(2) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal". Minn din l-iskeda jirriżulta li n-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli li jikkorrispondi għall-ammont trasferibbli kien ta' 5 snin, 3 xhur u 24 ġurnata.

18 Permezz ta' nota tat-12 ta' Settembru 2000, M. Lindorfer informat lis-servizz "Pensjonijiet" bil-"qbil fil-prinċipju" tagħha dwar it-trasferiment tal-valur tar-redenzjoni b'rata fissa tad-drittijiet tagħha għal pensjoni akkwistati fl-Awstrija. Madankollu, hija kkontestat in-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli indikat fl-iskeda ta' kalkolu msemmija iktar 'il fuq għar-raġuni li l-metodu ta' kalkolu użat mill-Kunsill kien diskriminatorju u mhux trasparenti. Fl-aħħar nett, hija talbet li tingħatalha sensiela ta' informazzjoni.

19 Fid-29 ta' Settembru 2000, il-fond tal-pensjoni Awstrijak iffissa l-ammont trasferibbli għal ATS 1 337 136.07.

20 Permezz ta' nota tat-3 ta' Novembru 2000, li M. Lindorfer irċeviet fis-7 ta' Novembru 2000, din ta' l-aħħar ġiet informata bid-deċiżjoni kkontestata. Fit-2 ta' Frar 2001, hija ressqet ilment kontra din id-deċiżjoni skond l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, liema lment ġie kkompletat permezz ta' *addendum* tal-25 ta' April 2001.

21 Il-Kunsill ċaħad dan l-ilment permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Mejju 2001.

Ir-rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza appellata

22 Fil-5 ta' Settembru 2001, ir-rikorrenti ressqet rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata, sabiex tiġi annullata d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tagħha, kif ukoll sabiex il-Kunsill jiġi ordnat jiffissa mill-ġdid, fuq bażi legali korretta, in-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli statutorju li għandu jiġi kkreditat għall-pensjoni Komunitarja tagħha b'riżultat tat-trasferiment tad-drittijiet tagħha għal pensjoni akkwistati fl-Awstrija.

23 In sostenn tar-rikors tagħha, M. Lindorfer qajmet, essenzjalment, żewg motivi. L-ewwel wieħed kien ibbażat fuq l-illegalità ta' l-Artikolu 10(3) u (4) tar-RI u t-tieni fuq l-illegalità ta' l-Artikolu 11(2) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal. Hija sostniet li l-ewwel dispożizzjoni kienet tmur kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali u t-tieni waħda kienet tmur kontra l-istess prinċipju kif ukoll kontra dak tal-moviment liberu tal-ħaddiema.

24 F'dak li jirrigwarda l-ewwel motiv ibbażat fuq l-illegalità ta' l-Artikolu 10(3) u (4), il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li l-erba' lmenti mqajma mis-Sinjura Lindorfer kellhom jiġu miċħuda bħala infondati.

25 F'dak li jirrigwarda l-ewwel ilment ta' l-ewwel motiv, jiġifieri l-kritiki ta' M. Lindorfer relattivi għall-fatt li, fil-formoli ta' konverżjoni, il-grad ta' l-uffiċjal meta jiġi stabbilit jittieħed in kunsiderazzjoni bl-istess mod għall-uffiċjali li jiġu rreklutati fil-grad tal-bidu tal-kategorija tagħhom bħalma jsir għal dawk li jiġu rreklutati fi grad ogħla, il-

Qorti tal-Prim'Istanza fakkret li r-RI jimplementaw l-Artikolu 11(2) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, li t-tieni subparagrafu tiegħu jipprovdi li "l-istituzzjoni li fiha j[s]ervi l-uffiċjal għandha, wara li tikkunsidra l-grad tiegħu ma' l-istabbiliment [meta jiġi stabbilit], tistabbilixxi n-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli li għandu jkun ikkreditat bihom taħt l-iskema tal-pensjoni tiegħu [tagħha] stess dwar il-perjodu ta' qabel tas-servizz, fuq il-bażi ta' l-ammont ta' l-ekwivalenza attwarjali jew is-somom li tħallsu lura kif imsemmi qabel [jew tal-valur tar-redenzjoni b'rata fissa]".

26 Hija fakkret ukoll li, skond il-ġurisprudenza, għal uffiċjal li jitlob it-trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni nazzjonali tiegħu lejn l-iskema Komunitarja, huwa l-grad ta' l-uffiċjal meta jiġi stabbilit, jiġifieri l-grad mogħti fid-data meta huwa jiġi stabbilit, li għandu jittieħed in kunsiderazzjoni għall-kalkolu tas-snin tas-servizz pensjonabbli li għandhom jiġu kkreditati (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Ġunju 2002, Youssouroum vs Il-Kunsill, T-106/01, Ġabra-SP, p. I-A-93 u II-435, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li, għalkemm il-konsegwenza ta' l-applikazzjoni tal-formoli ta' konverżjoni hija li iktar ma jkun għoli s-salarju bażiku, iktar ikun baxx in-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli li għandu jiġi kkreditat, minn dan ma tistax tiġi dedotta l-eżistenza ta' trattament diskriminatorju, għaliex id-diskriminazzjoni tista' tikkonsisti biss fl-applikazzjoni ta' regoli differenti għal sitwazzjonijiet komparabbli.

28 Għaldaqstant, uffiċjal li għadu kif ġie rreklutat u kklassifikat fil-grad A5 għandu probabbiltà ikbar li jtemm il-karriera tiegħu fi grad ogħla minn uffiċjal irreklutat u kklassifikat fil-grad A7 u, konsegwentement, li jakkwista salarju u drittijiet għal pensjoni ikbar minn dan ta' l-aħħar.

29 F'dak li jirrigwarda t-tieni lment ta' l-ewwel motiv, jiġifieri l-kritiki magħmula minn M. Lindorfer kontra l-fatt li l-Artikolu 10(4) tar-RI jipprovdi li l-ammont trasferit lill-kont tal-Komunitajiet f'valuta differenti mill-frank Belġjan għandu jiġi kkonvertit

fi franki Belġjani, il-Qorti tal-Prim'Istanza waslet għall-konstatazzjoni, abbażi ta' l-atti ppreżentati mis-Sinjura Lindorfer u ta' l-ispjegazzjonijiet tagħha mogħtija waqt is-seduta, li hija mhijiex qed tikkontesta daqstant il-ħtieġa li l-ammont trasferit jiġi kkonvertit fi franki Belġjani jew f'euro iżda pjuttost il-konsegwenzi li twassal għalihom din il-konverżjoni skond jekk jintużax, għal dan l-iskop, il-varjant i) jew il-varjant ii).

30 Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet dan l-ilment, billi kkunsidrat dan li ġej fil-punti 76 u 77 tas-sentenza appellata:

"76 Fil-fatt, minn naħa, il-paraguni li tagħmel [M. Lindorfer] biex tipprova turi l-fondatezza ta' l-allegazzjonijiet tagħha b'ebda mod mhuma konklużivi. Fil-fatt, fl-ewwel tabella li hija tipprovdi [...], hija tipparaguna s-sitwazzjoni tagħha ma' dik ta' uffiċjal li s-sess, l-età u l-klassifikazzjoni fi skala tiegħu meta ġie rreklutat huma differenti minn tagħha, meta dawn l-elementi jidħlu in kunsiderazzjoni fil-kalkolu tas-snin tas-servizz pensjonabbli li għandhom jiġu kkreditati. Barra minn hekk, kif irrileva ġustament il-Kunsill fir-risposta tiegħu għal waħda mid-domandi bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza, b'ebda mod ma ġie stabbilit li [M. Lindorfer] qiegħda fl-istess data biex jitwettqu l-kalkoli li hemm f'din it-tabella. Lanqas il-paraguni l-oħra magħmula minn din ta' l-aħħar [...] mhuma aċċettabbli billi jistrieħu fuq premessi żbaljati. Fil-fatt, il-kalkoli li hija tippreżenta huma mgħawġa minħabba li hija tapplika l-varjant i) għal ammonti espressi f'valuti nazzjonali differenti u miksuba bil-konverżjoni ta' ammont trasferit identiku espress f'schillings Awstrijaċi abbażi ta' 'rat[i] attwali' li apparentement jikkorrispondu għar-rati ta' konverżjoni bejn l-euro u dawn il-valuti nazzjonali applikabbli wara l-1 ta' Jannar 1999. Issa huwa evidenti li, matul il-perijodu ta' 27 sena ta' attivitajiet qabel id-dħul fis-servizz tal-Komunitajiet invokat miminn [M. Lindorfer], seħħew bidliet, kultant sinjifikattivi, fil-kors ta' dawn id-diversi valuti nazzjonali. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, għall-eżempju li tagħti ta' applikazzjoni tal-varjant i) għall-ammont espress fi franki Belġjani, [is-Sinjura Lindorfer] ma twettaqx minn qabel konverżjoni abbażi tar-'rata attwali' u li, għall-eżempju li tagħti ta' applikazzjoni ta' dan il-varjant għall-ammont espress fi drakmi Griegi, hija tidher li tuża r-rata ta' konverżjoni bejn l-euro u d-drakma Griega applikabbli mill-1 ta' Jannar 2001. Barra minn hekk, fil-każ ta' l-ammonti kkonvertiti fi drakmi Griegi, f'pesetas Spanjoli u f'escudos Portugiżi, hija tidher li twettaq il-kalkoli tagħha fl-1 ta' Jannar 1999.

77 Min-naħa l-oħra, mill-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Kunsill jirriżulta li l-fatt li l-applikazzjoni tal-varjant i) għal ammont trasferit minn fond tal-pensjoni ta' pajjiż imsejjaħ pajjiż 'b'valuta dgħajfa' tista' tkun iktar vantaġġuża mill-applikazzjoni tal-varjant ii) għal ammont trasferit minn fond tal-pensjoni ta' pajjiż imsejjaħ pajjiż 'b'valuta b'saħħitha' huwa l-konsegwenza mhux tar-regoli Komunitarji, iżda taċ-ċaqliq fid-diversi valuti nazzjonali, jiġifieri ta' ċirkustanzi estranji għall-azzjoni tal-Komunitajiet. Fil-fatt, għandu jiġi osservat li l-peseta Spanjola u l-escudo Portugiż, użati minn [M. Lindorfer] fl-eżempji komparattivi tagħha, sofrew diversi żvalutazzjonijiet matul is-snin 90."

31 Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ukoll it-tielet ilment ta' l-ewwel motiv. Is-sustanza ta' l-argumenti tagħha ġiet spjegata kif ġej:

"81 [...] [M. Lindorfer] ma tistax tislet argumenti effettivi mill-fatt li, fl-iskema tal-pensjoni Komunitarja, ma ssir ebda distinzjoni fuq bażi ta' sess f'dak li jirrigwarda l-kontribuzzjonijiet ta' l-uffiċjali u l-età meħtieġa sabiex tinkiseb il-pensjoni ta' l-irtirar.

82 Fl-ewwel lok, hija tipparaguna, b'dan il-mod, żewġ kategoriji ta' uffiċjali li jinsabu f'sitwazzjonijiet differenti, jiġifieri, minn naħa, l-uffiċjali li jħallsu lill-Komunitajiet l-ekwivalenza attwarjali jew il-valur tar-redenzjoni b'rata fissa tad-drittijiet għal pensjoni ta' l-irtirar li akkwistaw bis-saħħa ta' attivitajiet imwettqa qabel id-dħul tagħhom fis-servizz tal-Komunitajiet u, min-naħa l-oħra, dawk li jikkontribwixxu għall-iskema tal-pensjoni Komunitarja b'riżultat ta' l-attivitajiet tagħhom fi ħdan istituzzjoni Komunitarja.

83 Fit-tieni lok, u f'kull każ, l-użu ta' fatturi li jvarjaw skond is-sess u l-età għall-finijiet li jiġu kkalkulati s-snin tas-servizz pensjonabbli li għandhom jiġu kkreditati huwa oġġettivament iġġustifikat mill-ħtieġa li tiġi ggarantita ġestjoni

finanzjarja b'saħħitha ta' l-iskema tal-pensjoni Komunitarja. Fil-fatt, meta, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 11(2) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, uffiċjal jittrasferixxi lill-baġit Komunitarju, fil-forma ta' l-ekwivalenza attwarjali jew tal-valur tar-redenzjoni b'rata fissa, kapital li jirrappreżenta d-drittijiet għal pensjoni li huwa akkwista qabel id-dħul tiegħu fis-servizz tal-Komunità, in kambju huwa jikseb dritt għal benefiċċji futuri taħt l-iskema tal-pensjoni Komunitarja fil-forma ta' snin tas-servizz pensjonabbli kkreditati u l-portata ta' dan id-dritt tiddependi min-numru ta' dawn is-snin tas-servizz pensjonabbli li jingħatalu. Sabiex tiddetermina l-valur attwali ta' dan id-dritt, l-istituzzjoni Komunitarja kkonċernata għandha tieħu sensiela ta' elementi in kunsiderazzjoni, fosthom it-tul ta' żmien probabbli li matulu l-kapital trasferit mill-persuna kkonċernata jdum fil-baġit Komunitarju, l-iżvilupp mistenni tal-karriera tagħha, il-probabbiltà li dawn il-benefiċċji jiġu mħallsa lilha u t-tul ta' żmien probabbli li matulhom iseħħu dawn il-ħlasijiet. Issa huwa evidenti li dawn l-elementi jiddependu b'mod partikolari fuq is-sess u l-età tal-persuna kkonċernata fiż-żmien meta hija tidħol fl-iskema tal-pensjoni Komunitarja. Fil-fatt, minn naħa, huwa fatt stabbilit li, statistikament, in-nisa jgħixu iktar fit-tul mill-irġiel. Min-naħa l-oħra, il-probabbiltà li persuna, li tidħol fis-servizz tal-Komunità f'età 'l bogħod mill-età ta' l-irtirar, tmut qabel ma tkun laħqet din l-età hija ikbar minn dik ta' persuna rreklutata f'età qrib l-età li fiha hija tkun intitolata tibbenefika mid-drittijiet tagħha għall-pensjoni. Barra minn hekk, din il-persuna tħalli għal żmien itwal għad-dispożizzjoni tal-baġit Komunitarju l-kapital li tkun ġabet magħha milli jagħmel uffiċjal li jkun iktar qrib l-età ta' l-irtirar. Fi kliem ieħor, fatturi bħalma huma t-tul ta' żmien tas-servizz bejn id-data tar-reklutaġġ tal-persuna kkonċernata u l-irtirar tagħha kif ukoll it-tul ta' żmien probabbli, iddeterminat abbażi ta' data statistiċi, li matulu hija sejra tibbenefika mill-pensjoni ta' l-irtirar Komunitarja jinfluwixxu direttament fuq ir-responsabbiltà finanzjarja tal-Komunità lejn kull uffiċjal ikkonċernat individwalment, u ġestjoni finanzjarja b'saħħitha ta' l-iskema tal-pensjoni Komunitarja teħtieġ li dawn il-fatturi jittieħdu in kunsiderazzjoni u jiġu evalwati korrettament. Għalhekk il-Kunsill għandu raġun jieħu in kunsiderazzjoni, fil-formol[i] ta' konverżjoni, fatturi attwarjali marbuta ma' l-età u mas-sess tal-persuna kkonċernata."

32 Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-raba' lment ta' l-ewwel motiv, li skondu huwa kritikabbli li l-parametri tal-formoli ta' konverżjoni stabbiliti fl-Artikolu 10(3) u (4) tar-RI jittieħdu in kunsiderazzjoni b'referenza għal dati differenti, skond jekk l-ammont trasferit ikunx ikkonvertit abbażi tal-varjant i) jew tal-varjant ii).

33 Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li l-allegazzjoni ta' M. Lindorfer, li skondha l-varjant ii) huwa bbażat fuq is-salarju li jikkorrispondi għall-grad tal-persuna kkonċernata fid-data tat-trasferiment effettiv ta' l-ammont ikkonċernat min-naħa tal-fond tal-pensjoni nazzjonali, tistrieħ fuq qari żbaljat tal-kliem ta' l-Artikolu 10(4) tar-RI, għaliex is-salarju meħud in kunsiderazzjoni f'dan il-kuntest huwa dak li jikkorrispondi għall-grad meta l-uffiċjal jiġi stabbilit, kif ikun ġie aġġornat sad-data ta' dan it-trasferiment effettiv. Il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset li huwa ġġustifikat li tkun data preċiża li sservi ta' referenza għal kull varjant u għall-parametri l-oħra tal-formoli ta' konverżjoni, rispettivament.

34 Fil-kuntest tat-tieni motiv ibbażat fuq l-illegalità ta' l-Artikolu 11(2) ta' l-Anness VIII tar-Regoli tal-Persunal, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fil-punti 99 sa 106 tas-sentenza appellata, li l-argumenti ta' M. Lindorfer intiżi sabiex juru li din id-dispożizzjoni ma kinitx kompatibbli mal-prinċipji ta' trattament ugwali u tal-moviment liberu tal-ħaddiema ma jistgħux jintlaqgħu.

35 Il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset irrilevanti l-allegazzjoni ta' M. Lindorfer li l-konsegwenza tas-"sistema ta' trasferiment infisha" implementata minn din id-dispożizzjoni hija li l-uffiċjali li jibdew il-karriera tagħhom fis-servizz tal-Komunitajiet iktar tard huma żvantaġġati meta mqabbla ma' dawk li jibdewha iktar kmieni.

36 Hija tikkunsidra li M. Lindorfer b'ebda mod ma pprovat li d-drittijiet li hija akkwistat bis-saħħa ta' l-attivitajiet tax-xogħol tagħha qabel id-dħul tagħha fis-servizz tal-Komunitajiet ma jistgħux jiġu kkonservati għall-benefiċċju tagħha u meħuda in kunsiderazzjoni mill-iskema tal-pensjoni Komunitarja. Hija enfasizzat li, billi dawn huma skemi differenti, mhuwiex anormali li n-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli li għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni għall-pensjoni Komunitarja jkun differenti min-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli meħud in kunsiderazzjoni mill-awtorità nazzjonali jew internazzjonali. Hija fakkret ukoll li M. Lindorfer kellha l-possibbiltà li tifdi l-21 xahar li kien jonqosha biex ikollha t-total ta' 180 xahar neċessarju sabiex tikseb pensjoni taħt l-iskema Awstrijaka, u b'hekk iżżomm id-drittijiet għal pensjoni nazzjonali, u li t-trasferiment tal-valur tar-redenzjoni b'rata fissa ta' dawn id-drittijiet għal pensjoni lejn l-iskema Komunitarja kien jikkostitwixxi għażla li hija eżerċitat liberament.

37 Skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, lanqas ma jista' jiġi allegat li l-Artikolu 11(2) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal jikser il-moviment liberu tal-ħaddiema. Għall-kuntrarju, din id-dispożizzjoni tiffaċilita l-eżerċizzju sħiħ ta' din il-libertà fundamentali, b'mod partikolari billi tippermetti lil persuna stabbilita fi Stat Membru li taċċetta impjieg f'istituzzjoni Komunitarja mingħajr ma titlef id-drittijiet għal pensjoni li hija tkun akkwistat bis-saħħa ta' attivitajiet tax-xogħol imwettqa qabel.

38 Billi kkonkludiet li M. Lindorfer ma ressqet ebda prova li tista' taffettwa l-legalità ta' l-Artikolu 10(3) u (4) tar-RI u l-Artikolu 11(2) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

39 Permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Ġunju 2005, il-Qorti tal-Ġustizzja assenjat il-kawża lill-Ewwel Awla. Billi ebda waħda mill-partijiet ma talbet li tinstema' oralment, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tagħti s-sentenza tagħha mingħajr ma żżomm seduta għat-trattazzjoni. L-Avukat Ġenerali ppreżenta l-konklużjonijiet tiegħu fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2005, u wara din is-seduta ngħalqet il-proċedura orali.

40 Fl-1 ta' Diċembru 2005, l-Ewwel Awla ddeċidiet, skond l-Artikoli 44(4) u 118 tar-Regoli tal-Proċedura, li tirrinvija l-kawża lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex din terġa' tiġi assenjata lil kulleġġ ġudikanti kompost b'numru ikbar ta' Mħallfin.

41 Permezz ta' digriet tas-26 ta' April 2006, il-Qorti tal-Ġustizzja ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali u t-tiżmim ta' seduta. Il-partijiet u, skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 24 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni, ġew mistiedna jieħdu pożizzjoni dwar id-domandi magħmula f'dan id-digriet.

42 Wara s-seduta għat-trattazzjoni tat-28 ta' Ġunju 2006 u l-preżentazzjoni tal-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2006, ingħalqet il-proċedura orali.

It-talbiet tal-partijiet

43 Permezz ta' l-appell tagħha, li in sostenn tiegħu hija tinvoka tliet aggravji, M. Lindorfer titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata, u, jekk ikun hemm bżonn, tannulla d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2001, li tiċħad l-ilment tagħha;

— tordna lill-Kunsill jiffissa mill-ġdid is-snin tas-servizz pensjonabbli li għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni, u

— tordna lill-Kunsill ibati l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza u ta' l-appell.

44 Il-Kunsill jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiċħad l-appell, u

— tordna lill M. Lindorfer tbati l-ispejjeż.

Fuq l-appell

45 Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li, skond ġurisprudenza stabbilita, jirriżulta mill-Artikolu 225 KE, mill-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 58 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Artikolu 112(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza li qiegħed jintalab l-annullament tagħha kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba (sentenzi tas-6 ta' Marzu 2003, Interporc vs Il-Kummissjoni, C-41/00 P, Ġabra p. I-2125, punt 15; tat-12 ta' Settembru 2006, Reynolds Tobacco *et* vs Il-Kummissjoni, C-131/03 P, Ġabra p. I-7795, punt 49; u tas-27 ta' Frar 2007, Segi *et* vs Il-Kunsill, Ġabra p. I-1657, punt 22).

46 Il-Qorti tal-Ġustizzja sejra teżamina l-appell fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza.

Fuq l-ewwel aggravju bbażat, minn naħa, fuq ksur tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess u, min-naħa l-oħra, fuq motivazzjoni insuffiċjenti tas-sentenza appellata f'dan ir-rigward

L-argumenti tal-partijiet

47 Permezz ta' l-ewwel aggravju tagħha, M. Lindorfer issostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret l-Artikolu 141 KE u, b'mod iktar ġenerali, il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, meta fil-punt 83 tas-sentenza appellata hija kkunsidrat li l-użu ta' fatturi li jvarjaw skond is-sess għall-finijiet li jiġu kkalkulati s-snin tas-servizz pensjonabbli li għandhom jiġu kkreditati huwa oġġettivament iġġustifikat mill-ħtieġa li tiġi ggarantita ġestjoni finanzjarja b'saħħitha ta' l-iskema tal-pensjoni Komunitarja.

48 Skond M. Lindorfer, diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, li allegatament tieħu in kunsiderazzjoni l-fatt li l-għomor tal-ħajja tan-nisa huwa itwal, mhijiex meħtieġa sabiex jiġi ggarantit l-ekwilibriju finanzjarju ta' l-iskema, u dan jixhdu l-fatt li la l-kontribuzzjonijiet ta' l-uffiċjali u lanqas l-età meħtieġa sabiex huma jiksbu l-pensjoni ta' l-irtirar mhuma ddeterminati skond is-sess tagħhom. Il-Qorti tal-Prim'Istanza tabilħaqq ċaħdet l-argument tar-rikorrenti billi stqarret, fil-punt 82 tas-sentenza appellata, li hija kienet qed tipparaguna żewġ kategoriji ta' uffiċjali li ma setgħux jiġu pparagunati, iżda għamlet dan mingħajr ma tat raġunijiet għalfejn tali paragun ma setax isir.

49 Il-Kunsill isostni li l-Artikolu 141 KE mhuwiex applikabbli f'din il-kawża u li hija s-sentenza tat-22 ta' Diċembru 1993, Neath (C-152/91, Ġabra p. I-6935) li tikkostitwixxi l-ġurisprudenza rilevanti. Huwa jqis li, billi M. Lindorfer tistrieħ fuq sentenzi mogħtija f'kuntesti differenti minn dak ta' din il-kawża, hija b'ebda mod ma pprovat li l-kapital trasferit huwa l-korrispettiv ta' rabta ta' impjieg mal-Komunitajiet. Għalhekk huwa jsostni li l-mekkaniżmu ta' trasferiment jikkorrispondi għat-tqegħid ta' kapital mill-uffiċjal fl-iskema tal-pensjoni Komunitarja, kapital ikkostitwit barra minn din ir-rabta ta' impjieg mal-Komunità.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

50 Għandu jiġi kkonstatat li meta M. Lindorfer tinvoka l-ksur tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni u tal-prinċipju tat-trattament ugwali tas-sessi min-naħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza, hija tqis, effettivament, li nkiser wieħed mill-prinċipji ġenerali protetti mis-sistema legali Komunitarja. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat ukoll li l-Artikolu 141 KE u d-diversi dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni sekondarja li għalihom tirreferi M. Lindorfer, kif ukoll l-Artikolu 1a(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, huma espressjonijiet speċifiċi tal-prinċipju ġenerali ta' l-ugwaljanza tas-sessi.

51 Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li meta l-leġiżlatur Komunitarju jistabbilixxi regoli dwar it-trasferiment lill-iskema Komunitarja tad-drittijiet għal pensjoni akkwistati minn uffiċjali Komunitarji taħt skema nazzjonali, dan il-leġiżlatur huwa obbligat jirrispetta l-prinċipju ta' trattament ugwali. Għaldaqstant, huwa għandu jevita li jistabbilixxi regoli li ma jittrattawx lill-uffiċjali b'mod ugwali sakemm iċ-ċirkustanzi tal-persuni kkonċernati, fil-mument tad-dħul tagħhom fis-servizz tal-Komunitajiet, ma jiġġustifikawx differenzi fit-trattament minħabba l-karatteristiċi partikolari ta' l-iskema li taħtha ġew akkwistati d-drittijiet għal pensjoni jew minħabba li huma ma jkollhomx tali drittijiet (ara, f'dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' trattament ugwali, is-sentenza ta' l-14 ta' Ġunju 1990, Weiser, C-37/89, Ġabra p. I-2395, punt 14).

52 Il-Qorti tal-Prim'Istanza ma qisitx diskriminatorju l-fatt li, billi l-valuri attwarjali huma ogħla għan-nisa, dawn ta' l-aħħar jirċievu inqas snin tas-servizz pensjonabbli mill-irġiel fil-każ ta' trasferiment tad-drittijiet tagħhom għal pensjoni lill-iskema Komunitarja. Fil-punti 81 sa 83 tas-sentenza appellata, hija kkunsidrat li M. Lindorfer ma tistax tislet argumenti mill-fatt li, f'din l-iskema, ma ssir ebda distinzjoni fuq bażi ta' sess f'dak li jirrigwarda l-kontribuzzjonijiet ta' l-uffiċjali, billi l-uffiċjali li jikkontribwixxu b'dan il-mod għall-iskema tal-pensjoni Komunitarja b'riżultat ta' l-attivitajiet tagħhom fi ħdan istituzzjoni Komunitarja jinsabu f'sitwazzjoni differenti minn dik ta' l-uffiċjali li jittrasferixxu l-ekwivalenza attwarjali jew il-valur tar-redenzjoni b'rata fissa tad-drittijiet għal pensjoni ta' l-irtirar li akkwistaw bis-saħħa ta' attivitajiet imwettqa qabel id-dħul tagħhom fis-servizz tal-Komunitajiet. F'kull każ, fil-fehma tal-Qorti tal-Prim'Istanza, l-użu ta' fatturi li jvarjaw skond is-sess għall-finijiet li jiġu kkalkulati s-snin tas-servizz pensjonabbli li għandhom jiġu kkreditati huwa oġġettivament iġġustifikat mill-ħtieġa li tiġi ggarantita ġestjoni finanzjarja b'saħħitha ta' din l-iskema.

53 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma spjegatx għaliex dawn iż-żewg kategoriji ta' uffiċjali jinsabu f'sitwazzjonijiet li mhumiex komparabbli għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni li kienet mitluba twettaq dwar jekk ikunx hemm diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess meta jsir trasferiment ta' drittijiet għal pensjoni lejn l-iskema Komunitarja.

54 Fil-fatt, fil-punt 86 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma tispjegax fuq liema kriterji, apparti dak tas-sess, hija riedet tibbaża distinzjoni bejn it-trattament ta' l-irġiel u tan-nisa li jittrasferixxu d-drittijiet tagħhom għal pensjoni lejn l-iskema Komunitarja, meta tali distinzjoni ma teżistix f'dak li jirrigwarda l-kontribuzzjonijiet imħallsa mis-salarju ta' l-uffiċjali rġiel u nisa.

55 Barra minn hekk, għandu jingħad ukoll li, minkejja l-fatt li l-Artikolu 1a(1) tar-Regolamenti tal-Persunal ma ssemmiex, din id-dispożizzjoni, introdotta permezz tar-Regolament Nru 781/98 u applikabbli fil-mument meta ġew ikkalkulati s-snin tas-servizz pensjonabbli ta' M. Lindorfer, tipprovdi li "[l]uffiċjali għandhom ikunu intitolati għal trattament indaqs taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal mingħajr riferenza [... għas-]sess [...]".

56 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-ġustifikazzjoni ta' din id-differenza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa minħabba l-ħtieġa ta' ġestjoni finanzjarja b'saħħitha ta' l-iskema tal-pensjoni Komunitarja, tali argument ma jistax jiġi invokat sabiex isostni l-ħtieġa ta' valuri attwarjali ogħla għan-nisa.

57 Fil-fatt, f'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi mfakkar li l-livell identiku tal-kontribuzzjonijiet fuq is-salarju ta' l-uffiċjali rġiel u nisa ma jippreġudikax l-imsemmija ġestjoni.

58 Barra minn hekk, il-fatt li jista' jintlaħaq l-istess ekwilibriju b'valuri attwarjali "*unisex*" huwa pprovat ukoll mill-fatt li, kif jirriżulta mir-risposti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għad-domandi tal-Qorti tal-Ġustizzja, sussegwentement għall-fatti ta' din il-kawża, l-istituzzjonijiet iddeċidew li jużaw tali valuri.

59 Konsegwentement, il-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljat meta ma kkonstatatx li M. Lindorfer sofriet diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess.

60 Għaldaqstant, l-ewwel motiv huwa fondat.

Fuq it-tieni aggravju bbażat, minn naħa, fuq ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali fis-sens li l-uffiċjali li jibdew il-karriera tagħhom iktar tard huma ttrattati b'mod sfavorevoli u, min-naħa l-oħra, fuq motivazzjoni insuffiċjenti tas-sentenza appellata f'dan ir-rigward

L-argumenti tal-partijiet

61 M. Lindorfer tqis li meta l-Qorti tal-Prim'Istanza m'aċċettatx li hija sofriet trattament sfavorevoli minħabba l-fatt li hija bdiet il-karriera tagħha mal-Komunitajiet iktar tard, meta mqabbla ma' l-uffiċjali li ilhom iżjed li bdew il-karriera tagħhom, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret il-prinċipju ta' trattament ugwali. Fil-fatt, skond ir-rikorrenti, is-sistema ta' trasferiment tittratta b'mod sfavorevoli lill-uffiċjali li jkunu bdew karriera f'istituzzjoni Komunitarja tard meta mqabbla ma' dawk li jidħlu għal tali karriera ferm iktar kmieni. Barra minn hekk, M. Lindorfer issostni li, fil-punt 67 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Ġustizzja kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha meta warrbet il-paragun, li hija kienet ipproponiet, bejn is-sitwazzjoni tagħha u dik ta' uffiċjal li ħallas kontribuzzjonijiet lill-iskema Komunitarja biss.

62 Skond il-Kunsill, is-sitwazzjoni ta' l-"uffiċjali li dejjem ħadmu ma' istituzzjoni", li m'għandhomx drittijiet nazzjonali biex jiġu trasferiti, u dik ta' l-"uffiċjali li daħlu tard", jiġifieri dawk li jittrasferixxu d-drittijiet nazzjonali tagħhom lejn l-iskema tal-pensjoni Komunitarja, mhumiex komparabbli. Il-Kunsill jgħid ukoll li, kieku dawn is-sitwazzjonijiet kienu komparabbli, l-awturi tar-Regolamenti tal-Persunal ma kienx ikollhom għalfejn jistabbilixxu sistema ta' trasformazzjoni ta' kapital fi snin tas-servizz pensjonabbli u li kien ikun iktar sempliċi li "uffiċjal li daħal tard" jingħata numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli fl-iskema tal-pensjoni Komunitarja li jkun ugwali għan-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli li matulhom tħallsu kontribuzzjonijiet fl-iskema nazzjonali.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

63 Għandu jiġi mfakkar li l-prinċipju ta' trattament ugwali jew ta' non-diskriminazzjoni jeżiġi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (sentenzi ta' l-10 ta' Jannar 2006, IATA u ELFAA, C-344/04, Ġabra p. I-403, punt 95, u tat-12 ta' Settembru 2006, Eman u Sevinger, C-300/04, Ġabra p. I-8055, punt 57).

64 Billi M. Lindorfer, li daħlet fis-servizz ta' istituzzjoni Komunitarja wara li matul ċertu perijodu ħallset kontribuzzjonijiet lill-iskema ta' pensjoni Awstrijaka, tallega li sofriet trattament mhux ugwali għal dak ta' uffiċjal li daħal f'dan l-istess servizz iktar kmieni u li matul ċertu perijodu ħallas kontribuzzjonijiet lill-iskema tal-pensjoni Komunitarja, għandu jiġi vverifikat jekk dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet humiex komparabbli.

65 Kif enfasizzat l-Avukat Ġenerali fil-punt 28 tal-konklużjonijiet tagħha, fl-iskema tal-pensjoni Komunitajra, l-uffiċjali rtirati jitħallsu proporzjon tas-salarju finali tagħhom. Għaldaqstant, l-ammont ta' din il-pensjoni jiddependi, minn naħa, mit-twettiq mill-uffiċjal tal-karriera tiegħu fis-servizz tal-Komunitajiet, rifless fis-salarju finali tiegħu, u, min-naħa l-oħra, mit-tul ta' żmien ta' l-impenn tiegħu lejn il-Komunitajiet. F'din l-iskema, il-pensjoni b'ebda mod mhija ddeterminata mill-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet imħallsa matul is-snin ta' servizz.

66 Il-każ ta' uffiċjal li jittrasferixxi drittijiet għal pensjoni akkwistati preċedentement taħt skema nazzjonali, fil-forma ta' kapital, lejn l-iskema Komunitarja jaqa' barra minn dan il-kuntest. Fil-fatt, in-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli li dan l-uffiċjal għandu jkun ikkreditat bihom jiddependi, skond l-Artikolu 11(2) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, mill-kapital trasferit u mill-grad ta' l-uffiċjal meta jiġi stabbilit. Għaldaqstant, l-ammont tal-pensjoni li jkun intitolat għalih l-uffiċjal fi tmiem il-karriera tiegħu jkun iddeterminat mis-salarju finali tiegħu u mit-tul ta'

żmien ta' l-attività tiegħu fis-servizz tal-Komunitajiet, li miegħu jiżdiedu s-snin tas-servizz pensjonabbli ddeterminati skond il-kapital trasferit.

67 Issa somma ta' flus li permezz tagħha dan l-uffiċjal jikkontribwixxi għall-baġit Komunitarju u perijodu ta' żmien iddedikat fis-servizz ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji ma jikkostitwixxux valuri komparabbli.

68 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li M. Lindorfer, li, fil-mument tad-dħul tagħha fis-servizz tal-Komunitajiet, ittrasferiet lejn l-iskema ta' pensjoni Komunitarja, kapital li jikkorrispondi għad-drittijiet li hija akkwistat taħt skema nazzjonali, ma tinsabx f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik ta' uffiċjal li daħal fis-servizz tal-Komunitajiet iktar kmieni u li ħallas kontribuzzjonijiet lill-iskema tal-pensjoni Komunitarja minn dak iż-żmien 'il quddiem permezz ta' kontribuzzjonijiet imħallsa mis-salarju tiegħu.

69 F'dak li jirrigwarda l-allegata insuffiċjenza ta' motivazzjoni, għandu jiġi kkonstatat li, fil-punti 64 sa 68 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat id-diversi elementi li jikkaratterizzaw il-karriera ta' uffiċjal irreklutat fil-bidu tal-karriera professjonali tiegħu u dik ta' uffiċjal li, bħas-Sinjura Lindorfer, preċedentement ħadem u ħallas kontribuzzjonijiet lil skema ta' pensjoni nazzjonali.

70 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż, minn naħa, li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat ġustament li, billi M. Lindorfer ma kinitx tinsab f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik ta' uffiċjal irreklutat fil-bidu tal-karriera professjonali tiegħu, hija ma setgħetx issostni li sofriet trattament mhux ugwali meta mqabbla ma' dan ta' l-aħħar u, min-naħa l-oħra, li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma kisritx l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

71 Konsegwentement, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tielet aggravju bbażat, minn naħa, fuq ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-formoli ta' konverżjoni u, min-naħa l-oħra, fuq in-nuqqas ta' limitu minimu għan-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli mogħti

L-argumenti tal-partijiet

72 Is-Sinjura Lindorfer tikkontesta l-punti 76 u 77 tas-sentenza appellata u ssostni li meta l-Qorti tal-Prim'Istanza m'aċċettatx li hija sofriet trattament sfavorevoli minħabba l-fatt li hija kienet wettqet it-trasferiment tad-drittijiet tagħha għal pensjoni minn fond ta' pajjiż imsejjaħ pajjiż "b'valuta b'saħħitha" meta mqabbla ma' l-uffiċjali li wettqu tali trasferiment minn fond ta' pajjiż imsejjaħ pajjiż "b'valuta dgħajfa", il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret il-prinċipju ta' trattament ugwali.

73 Hija ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma jmisshiex limitat ruħha li tiddikjara, fir-rigward tal-formoli ta' konverżjoni monetarja previsti fl-Artikolu 10(4) tar-RI, li l-fatt li l-applikazzjoni tal-varjant i) għal ammont trasferit minn fond tal-pensjoni ta' pajjiż imsejjaħ pajjiż "b'valuta dgħajfa" tista' tkun iktar vantaġġuża mill-applikazzjoni tal-varjant ii) għal ammont trasferit minn fond tal-pensjoni ta' pajjiż imsejjaħ pajjiż "b'valuta b'saħħitha" huwa l-konsegwenza taċ-ċaqliq fil-valuti nazzjonali u mhux tar-regoli Komunitarji.

74 M. Lindorfer hija tal-fehma li l-Qorti tal-Prim'Istanza kien imissha kkonstatat, minn naħa, li l-Kunsill kien għażel li japplika trattament iktar vantaġġuż lill-ammonti trasferiti minn fond tal-pensjoni ta' pajjiż imsejjaħ pajjiż "b'valuta dgħajfa" minn dak mogħti lill-ammonti trasferiti minn fond tal-pensjoni ta' pajjiż imsejjaħ pajjiż "b'valuta b'saħħitha" u, min-naħa l-oħra, li l-Kunsill ma jistax jadotta tali formoli diskriminatorji.

75 Barra minn hekk, M. Lindorfer tistaqsi dwar in-nuqqas ta' limitu minimu f'dak li jirrigwarda n-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli mogħti fil-każ ta' trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni magħmul minn pajjiż imsejjaħ pajjiż "b'valuta b'saħħitha", meta n-numru tas-snin tas-servizz pensjonabbli li jistgħu jiġu akkwistati fl-iskema tal-pensjoni Komunitarja, b'riżultat ta' trasferiment minn pajjiż imsejjaħ pajjiż "b'valuta dgħajfa", huwa suġġett għal limitu massimu sabiex jiġi evitat li huwa jaqbeż in-numru ta' snin li matulhom il-persuna kkonċernata kienet affiljata ma' skemi tal-pensjoni nazzjonali non-supplementari.

76 Skond il-Kunsill, il-Qorti tal-Prim'Istanza wieġbet korrettament għall-argumenti rilevanti ta' M. Lindorfer fil-punti 76 u 77 tas-sentenza appellata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

77 F'dak li jirrigwarda l-ewwel ilment dwar il-formoli ta' konverżjoni, għandu jiġi kkunsidrat, fl-ewwel lok, li l-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament fakkret, fil-punt 76 tas-sentenza appellata, li l-paragun li għamlet M. Lindorfer ma setax ikun konklużiv, għaliex il-karatteristiċi ta' l-"uffiċjal ta' referenza" kienu differenti minn dawk ta' M. Lindorfer u li l-paraguni l-oħra magħmula minnha kienu jistrieħu fuq premessi żbaljati.

78 Fit-tieni lok, għandu jiġi osservat li, meta l-fondi tal-pensjoni nazzjonali jiddeterminaw il-valur tar-redenzjoni b'rata fissa tad-drittijiet għal pensjoni akkwistati taħt l-iskemi tal-pensjoni nazzjonali tagħhom, huma jiddeterminaw l-ammont li għandu jiġi trasferit fil-valuta ta' l-Istat Membru kkonċernat, liema ammont għandu sussegwentement jiġi espress f'valuta unika. Min-naħa tagħhom, il-Komunitajiet għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa meta jiddefinixxu l-elementi tas-sistema ta' konverżjoni.

79 Fit-tielet lok, għandu jiġi mfakkar li l-applikazzjoni tal-varjant ii) minflok il-varjant i) issir fuq bażi ta' għażla, billi, skond l-Arikolu 10(4)(b) tar-RI, il-kalkolu ddeterminat minn din id-dispożizzjoni jsir biss fuq talba ta' l-uffiċjal. Huwa probabbli li l-uffiċjali li għalihom il-varjant ii) huwa iktar vantaġġuż sejrin jagħżlu dan ta' l-aħħar, filwaqt li dawk li jiġu żvantaġġati b'dan il-varjant sejrin jippreferu l-applikazzjoni tal-varjant i). Għaldaqstant, kulħadd għandu l-possibbiltà li jirċievi l-iktar trattament vantaġġuż.

80 Minn dan isegwi li l-ewwel ilment relattiv għall-applikazzjoni tal-formoli ta' konverżjoni mhuwiex fondat.

81 F'dak li jirrigwarda t-tieni lment dwar in-nuqqas ta' limitu minimu għan-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli mogħtija fil-każ ta' trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni lejn l-iskema Komunitarja, dan l-ilment għandu jiġi ddikjarat inammissibbli.

82 Huwa minnu li M. Lindorfer issostni li, fin-nuqqas ta' tali limitu, il-leġiżlazzjoni in kwistjoni hija kritikabbli, iżda hija ma tinvoka ebda argument, skond il-ġurisprudenza li għaliha ssir referenza fil-punt 45 ta' din is-sentenza, li jfittex li jipprova li s-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi.

83 Barra minn hekk, f'dan il-każ, l-allegazzjoni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret il-prinċipju ta' trattament ugwali fid-dawl ta' l-ineżistenza ta' tali limitu minimu hija ġenerali u impreċiża wisq biex tista' tkun is-suġġett ta' evalwazzjoni ġudizzjarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Lulju 1999, Hercules Chemicals vs Il-Kummissjoni, C-51/92 P, Ġabra p. I-4235, punt 113, u d-digriet tat-12 ta' Diċembru 2006, Autosalone Ispra vs Il-Kummissjoni, C-129/06 P, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra — Ġabra 2006, p. I-131*, punt 31).

84 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud.

85 Billi l-ewwel aggravju mqajjem minn M. Lindorfer ġie milqugħ, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata safejn ċaħdet ir-rikors għar-raġuni li ma kienx hemm diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess.

Il-konsegwenzi ta' l-annullament parzjali tas-sentenza appellata

86 Skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 61 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk l-appell ikun fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Tista' allura jew hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza biex din tiddeċidiha.

87 Billi l-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, għandha tingħata deċiżjoni dwar it-talba tar-rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata u sabiex il-Kunsill jiġi ordnat jiffissa mill-ġdid is-snin tas-servizz pensjonabbli ta' M. Lindorfer.

88 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li meta l-Kunsill iffissa s-snin tas-servizz pensjonabbli ta' M. Lindorfer, huwa ħa in kunsiderazzjoni fattur marbut mas-sess, u b'hekk kiser il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess u l-Artikolu 1a(1) tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali.

89 F'dak li jirrigwarda t-talba sabiex il-Kunsill jiġi ordnat jiffissa mill-ġdid is-snin tas-servizz pensjonabbli tas-Sinjura Lindorfer, huwa suffiċjenti, f'dan il-każ, li jiġi mfakkar li, skond l-Artikolu 233 KE, hija l-istituzzjoni li l-att tagħha jkun ġie ddikjarat null li għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tikkonforma ruħha mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

90 Għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata.

Fuq l-ispejjeż

91 Skond l-Artikolu 122 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, magħmul applikabbli għall-proċedura ta' appell skond l-Artikolu 118 ta' l-istess Regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kunsill tilef, hemm lok li huwa jiġi ordnat ibati l-ispejjeż, kif mitlub mis-Sinjura Lindorfer.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-18 ta' Marzu 2004, Lindorfer vs Il-Kunsill (T-204/01), hija annullata, safejn ċaħdet ir-rikors ta' M. Lindorfer, għar-raġuni li ma kienx hemm diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess.**

2) **Id-deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea tat-3 ta' Novembru 2000, dwar il-kalkolu tas-snin tas-servizz pensjonabbli ta' M. Lindorfer, hija annullata.**

3) **Il-bqija ta' l-appell huwa miċħud.**

4) **Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż sostnuti quddiem iż-żewġ istanzi.**

Firem